# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IL-GIMGHA 4 TA’ MEJJU 2001

**Avviz Nru 1364/99DM**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Avon Insurance Plc kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghha George Cilia abbazi tal-polza ta’ assigurazzjoni tat- tip comprehensive u tal-ligi u l-istess George Cilia**

**Vs**

**Elizabeth Buttigieg**

**Il-Qorti**

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuta sabiex previa kull dikjarazzjoni ta' responsabbilita skond il-Ligi, thallas lis-socjeta attrici Fogg Insurance Agencies Limited is-somma ta' hames mija u erbgha u sittin lira Maltin u disa' centezmi (Lm564.09), jew somma ohra verjuri, ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur assigurat taghha George Cilia u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta attrici, u thallas ukoll lill-attur George Cilia is-somma ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25) ammont rapprezentanti excess payment, li ma kinux koperti mill-polza ta' assikurazzjoni, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fil-5 ta' Settembru 1998 ghall- habta ta' 7.00 p.m. gewwa Valley Road, B'Kara, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAM 379 propjeta ta' l-attur George Cilia u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru ta' registrazzjoni DAE 462, liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non- osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra gudizzjarja ta' 7 ta' Mejju 1999, u tal-ittra gudizzjarja li qed tintbaghat kontestwalment ma' dan l-att lis-socjeta Bonnici Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta assikurattrici Middle Sea Insurance plc. u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra gudizzjarja ta' 7 ta' Mejju 1999, sad-data tal-hlas

effettiv, kontra l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Elizabeth Buttigieg fejn eccepiet:

1. Illi l-incident tat-traffiku li sehh fil-5 ta' Settembru 1998 bejn l-eccipjenti li dak il-hin kienet qed isuq il-vettura numru DAE 462, u il-vettura misjuqa mill-assikurat tal-attur, ma garax tort u htija tal-eccipjenti u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u kwindi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes

2 Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Frar 2001 fejn il-konvenuta ddikjarat illi mhux qed tikkontesta il-quantum tad-danni izda biss ir-responsabbilta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-verzjonijiet moghtija mill-kontendenti ivarjaw fid-dettalji rilevanti. Waqt li l-attur Cilia jsosstni li l-konvenuta harget f'daqqa minn fejn kienet wieqfa fuq ix-xellug tat-triq u qasmet minn quddiemu minghajr ma hallietlu l-opportunita' li jevitaha, il-konvenuta issostni li meta ghamlet il-manuvra il-konvenut kien ghadhu l-boghod u habat maghha meta kienet digia wieqfa tistenna biex taqsam ghall-karreggjata opposta.

Evidentement il-verzjoni ta parti titfa r-responabilita' fuq il-parti l-ohra u ghalhekk, billi huma l-atturi li jridu jippruvaw ir-responsabilita' tal-konvenuta, il-Qorti trid tezamina jekk l-atturi waslux ghal tali prova anke fuq bilanc a bazi ta probabilita'.

Minn dawn iz-zewg verzjonijiet, il-Qorti ssib li hija iktar affidabli dik moghtija mill-attur George Cilia. Dan mhux biss ghaliex huwa ikkorroborat minn marthu izda anke minhabba l-fatt li mid-direzzjoni tal-brake marks imhollija mill-vettura tal-istess attur jirrizulta li kieku l-konvenuta kienet digia wieqfa fejn tidher fl-isketch, l-azzjoni evasiva li kien naturalment jiehu sewwieq li ma kienx induna bl-ostakolu, kienet tkun dik li jigbed lejn ix-xellug tieghu fejn kien hemm bizzejjed spazju u mhux li jigbed fejn kien hemm l-ostakolu u fejn kien jistenna li l-ostakolu ser jimxi.

Fuq kollox, wiehed jistenna li l-konvenuta tallega li kienet wieqfa presumibilment ghaliex sabet traffiku gej mid-direzzjoni opposta; ghalhekk kienet tkun manuvra bla sens tal-attur Cilia li biex jevita ostakolu wieqaf jghamel manuvra li kellha twasslu ghal skontru frontali ma traffiku mid-direzzjoni opposta.

L-indizji kollha jsahhu il-verzjoni tal-attur u ghalhekk issib li l-konvenuta kienet unikament risponsabbli ghall-kollizzjoni minhabba il-manuvra azzardata li ghamlet kif deskritta mill-attur Cilia u ghalhekk trid tirrispondi ghad-danni rizultanti totali inkontestati fis-somma komplessiva ta LM589.09.

Konsegwentement tilqa t-talba tal-atturi u tikkundannaha lill-konvenuta sabiex :

1) Thallas lis-socjeta attrici Fogg Insurance Agencies Limited is-somma ta' hames mija u erbgha u sittin lira Maltin u disa' centezmi (Lm564.09), ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur assigurat taghha George Cilia u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta attrici, u
2) Thallas ukoll lill-attur George Cilia is-somma ta'hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25) ammont rapprezentanti excess payment, li ma kinux koperti mill-polza ta' assikurazzjoni;

liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fil-5 ta' Settembru 1998 ghall-

habta ta’ 7.00 p.m. gewwa Valley Road, B’Kara, bejn il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni EAM 379 propjeta ta’ l-attur George Cilia u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru ta’ registrazzjoni DAE 462, liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non- osservanza tar-regolamenti tat- traffiku da parti tal-konvenuta.

Inoltre tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas l-imghax legali b’effett mill-1 ta Gunju 1999.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta.

Mag. Dr D Montebello B A LLD

A. Farrugia
Dep.Reg.

Civil 25